MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2582/1998/1

**Joseph Vincenti.**

**vs.**

**Concetta sive Connie Vincenti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Dicembru 1998 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-
Illi l-kontendenti huma mizzewwga u l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' minacci, servizzi, theddid, ingurji gravi u adulterju fil-konfront ta' l-attur;

Illi l-attur ottjena mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazjoni li jistitwixxi din il-kawza;

Illi l-kontendenti ghandhom tifel minuri Josef;

Illi l-attur qed jghix wahdu fid-dar konjugali ghaliex il-kovenuta gia’ abbandunata;

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni *a thoro et mensa* bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lilha;

2. Taffida l-kura u kustodja ta’ l-imsemmi tifel minuri Josef lill-attur;

3. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ghall-alimenti;

4. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u tordna l-qasma taghhom *occorrendo* b’nomina ta’ Perit u Nutar biex jippublika l-att opportun u kuraturi ghall-eventwali kontumaci;

5. Tassenja d-dritt ta’ abitazzjoni tad-dar konjugali “Merhba”, Triq Salvu Astarita, Zabbar (jew, jekk ikun il-kaz ta’ xi abitazzjoni ohra fid-data tas-sentenza) lill-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni (a fol. 3) tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur u lista tad-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 14 ta’ Ottubru 1999 u 28 ta’ Gunju 1999.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 29 ta’ Dicembru 1999 fejn teccepixxi bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur fosthom sevizzi, minacci, mohqrija, ingurji gravi u eccessi da parti tieghu.

2. Illi l-eccipjenti giet kostretta tabbanduna d-dar matriminjali minhabba t-trattament dizuman, degradanti u l-mohqrija da parti ta’ l-istess attur.

3. Illi ma jkunx fl-interess tal-minuri jekk din l-Onorabbli Qorti tafda l-kura u l-kustodja lill-attur *stante* illi l-istess attur jahdem sieghat twal u, *inoltre*, qatt ma wera daqstant interess f’ibnu u, ghalhekk, il-missier m’huwiex f’qaghda li jkun jista’ jrabbi l-istess minuri b’mod xieraq.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 27 ta’ Settembru 1999 fejn talab li jinnotifika lill-konvenuta wara l-hinijiet legali u fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Gunju 1999; ta’ l-14 ta’ Ottubru 1999;

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 11 ta’ Novembru 1999 fejn talbet li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha sabiex tkun tista tuzufruwixxi mid-dritt taghha ghall-Ghajnuna Legali;

Rat illi b’**kontro-talba** fejn fl-istess waqt il-konvenuta qed tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni odjerna biex ticcita lill-attur zewgha, Joseph Vincenti, in via rikonvenzjonali bil-mod kif gej:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta’ Awissu, 1996, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u mmarkat Dok. “A”; u

Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel jismu Josef ta’ tnax il-sena (Dok. “B”);

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli u z-zwieg taghhom tfarrak irremedjabbilment ghal ragunijiet sufficjenti fil-ligi, fosthom eccessi, minacci, ingurji gravi u mohqrija da parti ta’ l-attur rikonvenzjonat; u

Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti giet awtorizzata b'digriet numru 1404/98 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, hawn anness u mmarkat Dok. "C", sabiex tipprocedi b'kawza ghal separazzjoni personali.
Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet sabiex l-attur jghid, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenzjonat u, ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 paragrafu (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, tistabbilixxi d-data minn meta l-istess attur rikonvenzjonat ghandu jgi meqjus li rrenda ruhu hati tal-firda;

2) Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti tghix separata mill-attur rikonvenzjonat;

3) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel jismu Josef ta' tnax-il sena tigi fdata lill-konvenuta rikonvenzjonanti salv l-access ta' l-attur rikonvenzjonat fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti u dan fl-interess ta' l-istess tifel;

4) Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti, ghaliha u ghall-imsemmi tifel minuri, dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-Qorti skond il-mezzi ta' l-attur rikonvenzjonat u l-bzonnijiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti u ta' l-istess tifel, pagabbli mill-attur rikonvenzjonat fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew, jekk ikun il-kaz, minflok il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex il-konvenuta rikonvenzjonanti tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti;

5) Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6) Konsegwentement, tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jikkonsenja lill-konvenuta rikonvenzjonanti l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament

tordna illi l-konvenuta rikonvenzjonanti tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

7) Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jinqasmu f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti *in vista* tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attur rikonvenzjonat rrenda ruhu hati tal-firda;

8) Tordna d-dar matrimonjali tigi okkupata esklussivament mill-konvenuta rikonvenzjonanti;

9) Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti tirriverti ghal kunjom xbubitha Gatt;

10) Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn din l-Onorabbli Qorti; u

11) *Occorrendo*, tinnomina perit jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontrumacja ta' l-attur rikonvenzjonat fuq l-istess att.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-attur rikonvenzjonat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti;

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 15 ta' Dicembru 1999 fejn talbet li jigi assenjat lilha Difensur ta' l-Ghajnuna Legali;
Rat id-digriet tal-15 ta' Dicembru 1999 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-digriet tal-15 ta’ Dicembru 1999 fejn gew assenjati lill-konvenuta bhala Avukat ta’ l-Ghajnuna Legali, Dr. John Cremona u l-Prokuratur Edgar Montanaro;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn eccepixxa bir-rispett;

1) Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma ghal kollox infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez. Infatti kienet il-konvenuta li kkawzat it-tfarrik taz-zwieg kif gia inghad fic-citazzjoni. *Di piu’* fil-mori tal-kawza il-konvenuta welldet tarbija li inghatat l-isem ta’ Oriana li hija kellha minn relazzjoni ma’ terza persuna, Anthony Pisani. Fil-fatt l-esponent gia intavola kawza ghal *denegata paternita’*.

2) Illi l-konvenuta ghalhekk tilfet id-dritt ghal kull akkwist li sar wara li abbandunat minn jeddha id-dar konjugali kif iddikjarat hi stess quddiem is-Sekond’ Awla.

3) Illi l-konvenuta ma taghti ebda kaz it-tifel Josef, tant li titilqu ma’ ommha u hi tigri barra. Ma taghtix kaz anke l-edukazzjoni tat-tifel u hu l-esponent li jiehu interess tant li anke qieghed membru fil-kunsill skolastiku. Ghalhekk jerga jitlob li l-istess tifel jigi fdat f’idejh.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur datata 25 ta’ Jannar 2000;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Jannar 2000 fejn il-Qorti nnutat li r-rikors tal-11 ta’ Novembru 1999 m’ghandux aktar relevanza *stante* li l-eccezzjonijiet saru bil-*visto* tal-kontro-parti u l-konvenuta tat ruhha b’notifikata bir-rikorsi ta’ l-attur; u giet nominata Dr. Monica Borg Galea bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju inkluzi dawk tal-11 ta’ April 2001, 23 ta’ Mejju 2000, 22 ta’ Gunju 2000, 21 ta’ Lulju 2000, 15 ta’ Settembru 2000, 9 ta’ Marzu 2001, 28 ta’ Marzu 2001, u 12 ta’ Lulju 2002.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 12 ta' Gunju 2000 fejn permezz taghha pprezentat tlett affidavits li huma dawk ta' Angela Gatt, Anthony Gatt u tal-konvenuta stess;
Rat il-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' April 2001; u tat-30 ta' Ottubru 2001;

Rat l-avviz tas-27 ta' Marzu 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentament presjeduta;

Rat ir-rikorsi ta' l-attur datati 14 ta' Mejju 1999, 10 ta' Dicembru 1999, 2 ta' Mejju 2000, 9 ta' Mejju 2000, u d-digriet datat 23 ta' April 2001 fejn halliet il-kura u kustodja tal-minuri konguntivament bejn il-partijiet bil-modalitajiet hemm indikati.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 30 ta' April 2001 u d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 5 ta' Settembru 2001 fejn tali rikors gie michud u d-digriet tat-23 ta' April 2001 kkonfermat.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 26 ta' Settembru 2001 fejn talab lill-Qorti sabiex tnehhi lill-konvenuta mill-kura u kustodja konguntiva tat-tifel u d-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Frar 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2002; u tas-27 ta' Novembru 2002, tali seduti l-ewwel seduti li nzammu quddiem din il-Qorti kif presjeduta, fejn id-Difensuri talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur tas-17 ta' Dicembru 2002;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' April 2003 fejn Dr. Joseph Azzopardi ddikjara li d-digriet dwar manteniment huwa ta' tletin lira Maltija (Lm30) kull gimghatejn u tas-27 ta' Mejju 2003 fejn gew konsenjati lill-konvenuta zewg cekkijiet fl-ammonti ta' tlett mija u tletin lira Maltija (Lm330) il-wiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva datata 27 ta' Mejju 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur b'din ic-citazzjoni qed jitlob lill-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn mal-konvenuta *a thoro et mensa* minhabba minacci, theddid, ingurji gravi u adulterju fil-konfront ta' l-attur. Bhala konsegwenza qed jitlob illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Josef tigi fdata lilu u li jigi dikjarat illi tilfet kull dritt ghal manteniment minghand zewgha.

Illi l-konvenuta minn naha taghha cahdet dawn l-addebiti kollha li semma zewgha u ghamlet ukoll kontro-talba fejn qalet li l-htijiet kienu attribwibbli lill-istess zewgha l-attur.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta fl-ewwel lok li t-talba attrici hija gustifikata minhabba l-fatt li l-konvenuta, *ex admissis,* hija hatja ta' adulterju *stante* li jidher car li hija kellha relazzjojni *extra maritali* ma' certu Anthony Pisani, tant li dan wassal ghat-twelid ta' zewgt itfal kif gie stabbilit ukoll f'zewg sentenzi ta' din il-Qorti wahda fl-ismijiet **"Joseph Vincenti vs Connie Vincenti"** (P.A. (PS) 28 ta' Ottubru 2003 – Citaz. Numru 1847/99/PS) u l-ohra fl-ismijiet **"Joseph Vincenti vs Concetta Vincenti"** (P.A. (RCP) 19 ta' Novembru 2002 – Citaz. Numru 2465/00/RCP). Illi jidher li dan sar wara li l-konvenuta telqet mid-dar kif kienet qalet li ser taghmel meta kien qed jigi trattat ir-rikors taghha datat 17 ta' Settembru 1998 quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u in fatti fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 17 ta' Novembru 1998 hemm riferenza li l-konvenuta kienet fi zmien hemm indikat ser tohrog volontarjament mid-dar konjugali.

Illi pero' mill-kumpess tal-provi kollha prodotti, jirrizulta car li l-inkwiet bejn il-partijiet kien ilu sejjer zmien twil ghaddej bejn l-istess partjiet, tant li minn naha wahda l-attur jallega

li l-konvenuta kienet taggredih u esebixxa wkoll certifikati medici (ara fol. 122 sa 124) f'dan is-sens, u theddu (ara a fol. 109 tal-process), kif ukoll incidenti li zewgha jsemmi ma' l-istess habib tal-mara (ara xhieda ta' l-attur fil-hames paragrafu a fol. 110 tal-process). Dawn l-incidenti dak iz-zmien kien qed ikollhom effett ukoll fuq l-andament tat-tifel fl-iskola (ara fol. 42 rapport tat-*teacher* tieghu) kif ukoll l-andament generali tieghu dak iz-zmien (a fol. 114 tal-process). Illi a fol. 153 u 154 tal-process) ix-xhieda tikkonferma l-agir abbusiv fil-konfront ta` zewgha u dan kellu effett fuq it-tifel u nkwiet iehor minhabba incidenti ma' l-attur fejn kien qed ikun hemm involut Anthony Pisani li jigi l-habib tal-mara (*vide* fol. 153 tal-process).

Illi minn naha l-ohra pero' jirrizulta minn diversi xhieda, illi l-attur kien konsistentement qed ihalli lill-konvenuta nieqsa mill-flus u jirrizulta wkoll li l-istess attur kien hati verso l-attrici ta' diversi incidenti ohra ta` mohqrija (ara xhieda ta` omm il-konvenuta a. fol 68 u ta' missierha a. fol. 74 u a. fol 78 mix-xhieda tat-tifel Josef) u ta' vjolenza domestika, li fl-ahhar mill-ahhar ikkonstringew lill-istess konvenuta li tohrog mid-dar konjugali.

Illi ma hemm l-ebda dubju li dan il-glied sfrenat bejn il-partijiet, inkluz l-vjolenza domestika perpetrata mill-attur u wkoll in-nuqqas ta' l-attur li konsistentement kien ihalli lill-martu fl-bzonn tal-flus, fejn din kienet kostretta litteralment tittalablu sabiex itiha flus bizzejjed biex tkun tista' tghix hija u binha, u r-reazzjoni tal-konvenuta, li agixxiet ghall-istess theddid, mohqrija u eccessi b'azzjonijiet vjolenti minn naha taghha wkoll kienu l-kawza princpali kif dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment, u dawn il-fatti hallew bla ebda dubju effett fuq il-minuri Josef, tant li l-istess minuri kien kostrett jixhed f'dawn il-proceduri, meta l-kawza kienet ghadha mhux quddiem din il-Qorti kif presjeduta, u wiehed jinnota l-effett li tali agir tal-kontendenti halla negattivament fuq l-istess minuri u f'dan il-kuntest hija relevanti x-xhieda tat-*teacher* u *Social Worker,* Damian Spiteri (*vide* a fol. 22 tal-process), kif ukoll tal-*Head Master*, Paul Degabriele, (*vide* a fol. 29 u a fol. 58 tal-process) fejn issir referenza ghall-possibbli trawma li dawn l-incidenti kien qed ikollhom fuq it-tifel.

Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn il-Qorti li mix-xhieda kollha prodotta tindika li l-agir ta' l-attur fil-konfront ta' martu kien wiehed deplorevoli ghall-ahhar, fejn kien jittratta lill-istess konvenuta bhala semplici skjava, kien vjolenti lejha u kien ukoll litteralment kattiv maghha ghaliex kien juri xehha liema bhala sabiex imantni lilha u lil ibnu. Minn naha taghha l-konvenuta jidher li agixxiet ghal dawn l-azzjonijiet ta' l-attur bil-mod kif kienet taf hija, u certament li dan l-agir ma kienx wiehed idejali, izda minnu nnifsu kundanabbli wkoll, ghaliex agixxiet bi vjolenza wkoll u kienet hija stess hatja ta' eccessi u ingurji gravi lejn zewgha, u wara li jidher li kienet kostretta fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti li tohrog mid-dar konjugali, anke sabiex dawn ix-xenati bejn l-kontendenti ma jkomplux izjed, hija fil-mori ta' dawn il-proceduri kkomettiet adulterjuru ma' certu Anthony Pisani, li jidher li avvantagga ruhhu minnha peress li kien huwa jaghtiha xi flus biex tghix, li ovvjament qatt ma rrifondiet.

Illi ghalhekk jidher li l-firda personali ta' bejn il-partjiet grat minhabba tortijiet indaqs taz-zewg partijiet *stante* li jidher li l-konvenuta kienet hatja verso l-attur ta' adulterju, minacci, sevizzi, u theddid fil-waqt li l-attur kien hati verso l-konvenuta minhabba eccessi, minacci, ingurji gravi u mohqrija kbira *da parte* tieghu fil-konfront ta' l-istess konvenuta, b'dan li z-zewg partijiet ikkontribwew fl-istess grad ghall-pronunzjament ta' din il-firda personali, u l-Qorti ssib liz-zewg partjiet hatjin indaqs ghall-istess tkissir taz-zwieg.

Illi in effetti l-artikoli relevanti tal-ligi huma s-segwenti:-

L-**artikolu 38 tal-Kodici Civili** li jghid:-

*"Kull parti mizzewwga tista titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".*

L-**artikolu 40** li jghid ukoll:-

*"Kull wahda mill-persuni mizzewwgin flimkien tista` titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi*

*tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor tat-tfal tieghu jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabbilment".*

Illi l-**artikolu 51 tal-Kodici Civili** jiddisponi wkoll illi meta l-firda issir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-**artikolu 40**, tista jkollha l-effetti msemmijin fl-**artikolu 48** meta l-Qorti jidhrilha li taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Illi l-**artikolu 52** jiddisponi wkoll illi:

*"Hu mholli f'idejn il-Qorti li tiddiciedi skond ic-cirkostanzi jekk id-dispozizzjoniet ta' l-**artikolu 40** ghandhomx jghoddu, f'kollox jew f'bicca ghar-ragel u ghal mara jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkella ma ghandhomx jghoddu ghal hadd minnhom jekk lil wiehed jew ohra ikunu htija ta' eghmil li jaghti lok ghall-firda".*

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Josef li twieled fl-4 ta' Lulju 1987 u allura llum ghandu sittax il-sena, l-kura u l-kustodja ghandha tibqa' tigi regolata kif determinat fid-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' April, 2001 bil-kondizzjonijiet hawn imposti f'din is-sentenza, b'dan li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tibqa' konguntiva bejn il-partijiet b'dan li l-access ghat-tifel minuri, Josef, bejn il-partijet ghandu jigi regolat b'dan il-mod u cjoe':-

(a) Il-minuri ghandu jorqod mal-missier li ghandu jwasslu l-iskola kull filghodu. Wara l-iskola jmur ghand l-omm fejn ghandu jingabar mill-missier fil-5.30 p.m. ta' filghaxija. Dan mit-Tnejn sal-Hamis;
(b) Il-Gimgha wara l-iskola jibqa' ma l-omm sas-Sibt filghaxija fis-7.00 p.m., hlief jekk ikollu xi attivita ohra' bhal pjanu, l-missier ikollu d-dritt jigbru biex jiehdu ghal din l-attivita`;

(c) Fil-vaganzi mill-iskola jibqa l-istess arrangament fejn it-tifel jorqod mal-missier. L-omm pero' ghandu jkollha

access kuljum mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m. apparti mill-Gimgha fejn it-tifel jibqa ma’ l-omm sa l-ghada s-Sibt sas-7.00 p.m. kif fuq intqal;

(d) Illi l-istess access ghandu jigi ezecitat minn kull parti fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex familjari tal-partijiet, u ghall-ebda raguni l-istess minuri ma ghandu jittiehed f’postijiet jew f’lokalitajiet li ma humiex dicenti ghall-istess minuri, u dan japplika kemm ghall-attur u kemm ghall-konvenuta, li dejjem ghandhom jagixxu b’mod dicenti u dekoruz fil-konfront ta’ l-istess minuri.

(e) Illi din il-Qorti tinkariga lill-Agenzija Appogg sabiex tissorvelja din is-sitwazzjoni u dan permezz ta’ *Social Workers* li ghandhom perjodikament izommu kuntatt ma’ l-istess minuri u l-genituri tieghu, u ghandhom jaraw u jassiguraw li t-termini ta’ dan id-digriet jigu segwiti mill-partijiet u dan fl-interess suprem ta’ l-istess minuri; tali *monitering* mill-imsemmija Agenzija Appogg ghandu jkun taht il-kontroll tal-brava *Social Worker,* Therese Micallef, u ghal dan l-iskop tordna lill-attur, sabiex a spejjez tieghu, jinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg.

Illi dwar alimenti ghall-partjiet din il-Qorti minhabba ir-responsabilita’ konguntiva tal-partijiet ghall-istess firda personali u r-ragunijiet gravi li wasslu ghat-tkissir irremedjabbli ta’ dan iz-zwieg, dovut ghall-agir ta’ kull parti f’din il-kawza tiddkjara li kul parti tilfet id-dritt ta’ manteniment minghand il-parti l-ohra bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partijiet.

Illi f’dan il-kuntest jirrizulta li skond ix-xhieda prodotta l-attur ghandu ntrojtu ta’ mija u hamsin lira Maltija (LM150) gross kull gimghatejn u dwar manteniment ghall-minuri, u wara li l-istess Qorti rat id-digriet taghha datat 21 ta’ April 2003, fejn ordnat li r-rata ta’ alimenti li ghandu jhallas l-attur lill-konvenuta bhala manteniment ghal ibnu Josef, meta dan ikun qed jezercita l-access ma’ l-istess konvenuta ghandha tigi ridotta ghas-somma ta’ ghaxar liri (Lm10.00) fil-gimgha pagabbli lill-istess konvenuta fir-

residenza taghha, b'effett mid-data ta' dan id-digriet, din il-Qorti thoss li tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-attur ghandu jmantni lill-istess minuri ghall-kull haga li ghandu bzonn waqt li l-istess minuri jkun mieghu, u wkoll ghandu jissoministra lill-konvenuta bhala rata ta' alimenti ghall-access li ghandha l-istess konvenuta ghall-imsemmi minuri, skond din id-decizjoni, s-somma ta' hmistax il-lira Maltija (Lm15) fil-gimgha, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess konvenuta, u tali somma ta' manteniment ghall-istess minuri ghandha tinqata' direttament mill-paga jew salarju ta' l-istess attur mill-*employer* tieghu, u tinbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha, dejjem bhala alimenti ghall-istess minuri, u ghal dan l-iskop tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha, tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza u din l-ordni lill-*employer* ta' l-attur, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu skrupolazament ma' din l-ordni.

Illi kontra z-zewg partijet u b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 52 tal-Kap 16** din il-Qorti tapplika kontra z-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto* b'dan li ghall-fini ta' l-**artikolu 48 (1) (c)** tiffissa d-data meta l-partijiet taw lok ghall-firda personal ta' bejniethom bhala dik tad-9 ta' Ottubru 1998.

Illi ghalhekk din il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-istess data tad-9 ta' Ottubru 1998, id-data meta l-istess attur beda l-proceduri odjerni quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fid-dar matrimonjali "Merhba", Triq Salvu Asterita, Zabbar, *garage* fi Triq San Antnin, Zabbar u karozza tal-Marka Capri li kollha kienu nxtraw qabel l-istess zwieg sfaxxa, u ukoll qabel ma' l-attrici kkomettiet l-adulterju fuq indikat. Ovvjament hemm ukoll il-mobbli li biha hija addebita l-istess dar matrimonjali, li dwarha l-partijiet lanqas biss gabu l-ebda prova, u dan juri b'mod mill-iktar car kif tmexxiet din il-kawza, principarjament fuq pika kbira bejn il-partijiet.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti *arbitro boni viri* tordna l-bejgh in subbasta ta' l-istess imsemmija mmobbli

konsistenti f'*garage* fi Triq Sant'Antnin, Zabbar, u tal-fond "Merhba", Triq Salvu Asterita, Zabbar, u mir-rikavat ta' l-istess l-konvenuta l-ewwel tiehu s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) sabiex tigi kkumpensata ghall-fatt, li kif ser jinghad iktar il-quddiem f'din id-decizjoni l-vettura ndikata, tal-marka Capri qed tigi asenjata lill-attur, u r-rimanenti bilanc mir-rikavat ta' l-istess bejgh in subbasta ta' l-istess zewg immobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Ovvjament l-attur qed jigi assenjat l-istess vettura tal-marka Capri li gja tinsab fil-pussess tieghu li l-valur taghha qed jigi stmat elf lira Maltija (Lm1,000).

Illi dwar il-mobbli li bih hija addebita l-istess dar matrimonjali, dawn ukoll ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet, u ghall dan l-iskop tinnomina a spejjez taz-zewg partijiet lil Vincent Ciliberti, sabiex fi zmien ghoxrin gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jaccedi fil-fond matrimonjali fil-presenza taz-zewg partijiet, jelenka l-istess mobbli u l-valur attwali taghhom, u jiddividi l-istess bejn iz-zewg partijiet b'mod li kull parti tigi assenjata nofs il-valur ta' l-istess mobbli cirka, b'dan li l-istess stima u divizjoni ghandha tigi redatta mill-istess perit tekniku hawn nominat fi zmien sittin gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u l-istess stima prezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghac-citazzjoni attrici in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad il-hames (5) talba attrici tilqa' biss *in parte* t-talbiet attrici l-ohra** fis-sens biss hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara l-firda personali bejn il-partjiet u tiddikjara wkoll li din sehhet minhabba tortijiet indaqs taz-zewg partijiet *stante* li jirrizulta li l-konvenuta kienet hatja verso l-attur ta' adulterju, minacci, sevizzi, u theddid filwaqt li l-attur kien hati *verso* l-konvenuta minhabba eccessi, minacci, ngurji gravi u mohqrija kbira *da parte* tieghu fil-konfront ta' l-istess konvenuta, b'dan li z-zewg partijiet

ikkontribwew fl-istess grad ghall-pronunzjament ta' din il-firda personali, u l-Qorti ssib liz-zewg partjiet hatjin indaqs ghall-istess tkissir taz-zwieg b'dan li konsegwenza ta' l-istess agir ta' kull parti dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

(2) Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, Josef, ghandha tibqa' konguntiva bejn il-partijiet b'dan li l-access ghat-tifel minuri Josef bejn il-partijet ghandu jigi regolat b'dan il-mod u cjoe':-

(a) Il-minuri ghandu jorqod mal-missier li ghandu jwasslu l-iskola kull filghodu.  Wara l-iskola jmur ghand l-omm fejn ghandu jingabar mill-missier fil-5.30 p.m. ta' filghaxija. Dan mit-Tnejn sal-Hamis;

(b) Il-Gimgha wara l-iskola jibqa' ma l-omm sas-Sibt filghaxija fis-7.00 p.m., hlief jekk ikollu xi attivita ohra' bhal pjanu, l-missier ikollu d-dritt jigbru biex jiehdu ghal din l-attivita`;

(c) Fil-vaganzi mill-iskola jibqa l-istess arrangament fejn it-tifel jorqod mal-missier.  L-omm pero' ghandu jkollha access kuljum mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m. apparti mill-Gimgha fejn it-tifel jibqa ma' l-omm sa l-ghada s-Sibt sas-7.00 p.m. kif fuq intqal;

(d)  Illi l-istess access ghandu jigi ezecitat minn kull parti fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex familjari tal-partijiet, u ghall-ebda raguni l-istess minuri ma ghandu jittiehed f'postijiet jew f'lokalitajiet li ma humiex dicenti ghall-istess minuri, u dan japplika kemm ghall-attur u kemm ghall-konvenuta, li dejjem ghandhom jagixxu b'mod dicenti u dekoruz fil-konfront ta' l-istess minuri.

(e) Illi din il-Qorti tinkariga lill-Agenzija Appogg sabiex tissorvelja din is-sitwazzjoni u dan permezz ta' *Social Workers* li ghandhom perjodikament izommu kuntatt ma' l-istess minuri u l-genituri tieghu, u ghandhom jaraw u jassiguraw li t-termini ta' dan id-digriet jigu segwiti mill-partijiet u dan fl-interess suprem ta' l-istess minuri; tali *monitoring* mill-imsemmija Agenzija Appogg ghandu jkun

taht il-kontroll tal-brava, *Social Worker,* Therese Micallef, u ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex a spejjez tieghu jinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg.

(3) Illi dwar it-tielet talba u dwar alimenti ghall-partjiet din il-Qorti minhabba ir-responsabilita’ konguntiva tal-partijiet ghall-istess firda personali u r-ragunijiet gravi li wasslu ghat-tkissir irremedjabbli ta’ dan iz-zwieg, dovut ghall-agir ta’ kull parti f’din il-kawza tiddkjara li kull parti tilfet id-dritt ta’ manteniment minghand il-parti l-ohra bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partijiet.

Illi dwar il-manteniment ta’ l-istess minuri, Josef, l-attur ghandu jmantni lill-istess minuri ghall-kull haga li ghandu bzonn waqt li l-istess minuri jkun mieghu, u wkoll ghandu jissoministra lill-konvenuta ghan-nom ta’ l-istess minuri bhala rata ta’ alimenti ghall-access li ghandha l-istess konvenuta ghall-imsemmi minuri skond din id-decizjoni, s-somma ta’ hmistax il-lira Maltija (Lm15) fil-gimgha, pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess konvenuta, u tali somma ta’ manteniment ghall-istess minuri ghandha tinqata’ direttament mill-paga jew salarju ta’ l-istess attur mill-*employer* tieghu, u tinbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha, dejjem bhala alimenti ghall-istess minuri, u ghal dan l-iskop tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza u din l-ordni lill-*employer* ta’ l-attur, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu skrupolazament ma’ din l-ordni.

(4) Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data tad-9 ta’ Ottubru 1998 u ghall-likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-istess assi formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, *arbitro boni viri* tordna l-bejgh in subbasta ta’ l-immobbli konsistenti f’garage fi Triq Sant’Antnin, Zabbar u tal-fond “Merhba”, Triq Salvu Asterita, Zabbar, u mir-rikavat ta’ l-istess bejgh in subbasta, l-konvenuta l-ewwel tiehu s-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) sabiex tigi kkumpensata ghall-fatt, li kif ser jinghad iktar ‘il quddiem f’din id-decizjoni, l-vettura

indikata tal-marka Capri qed tigi asenjata lill-attur, u r-rimanti bilanc mir-rikavat ta' l-istess bejgh in subbasta ta' l-istess zewg immobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. L-attur qed jigi ghalhekk assenjat l-istess vettura tal-marka Capri li gia tinsab fil-pussess tieghu li l-valur taghha qed jigi stmat elf lira Maltija (Lm1,000).

Illi dwar il-mobbli li bih hija addebita l-istess dar matrimonjali, dawn ukoll ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet, u ghal dan l-iskop tinnomina a spejjez taz-zewg partijiet lil Vincent Ciliberti, sabiex fi zmien ghoxrin gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jaccedi fil-fond matrimonjali fil-prezenza taz-zewg partijiet, u jelenka l-istess mobbli u l-valur attwali taghhom, u jiddividi l-istess bejn iz-zewg partijiet b'mod li kull parti tigi assenjata nofs il-valur ta' l-istess mobbli cirka, b'dan li l-istess stima u divizjoni ghandha tigi redatta mill-istess perit tekniku hawn nominat fi zmien sittin gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u l-istess stima prezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri.

(5) Tichad il-hames (5) talba *stante* li kif gia deciz l-istess fond immobbli ghandu jinbiegh in subbasta.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenuta,** ghall-istess ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat in kwantu l-istess huma nkompatibbli b'xi mod ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad is-sitt (6), u tmien (8) talba u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hdax (11) il-talba, tilqa' t-talbiet l-ohra tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha biss *in parte*** u fis-sens biss hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara l-firda personali bejn il-partjiet u tiddikjara wkoll li din sehhet minhabba tortijiet indaqs taz-zewg partijiet *stante* li jirrizulta li l-konvenuta kienet hatja *verso* l-attur ta' adulterju, minacci, sevizzi, u theddid filwaqt li l-attur kien hati *verso* l-konvenuta minhabba eccessi, minacci, ngurji gravi u mohqrija kbira *da parte* tieghu fil-konfront ta' l-istess konvenuta, b'dan li z-zewg partijiet

ikkontribwew fl-istess grad ghall-pronunzjament ta' din il-firda personali, u l-Qorti ssib liz-zewg partjiet hatjin indaqs ghall-istess tkissir taz-zwieg b'dan li konsegwenza ta' l-istess agir ta' kull parti dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 paragrafu (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, tistabbilixxi d-data minn meta l-partjiet irrendew ruhhom hatja tal-firda bhala dik tad-9 ta' Ottubru 1998;

2. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti tghix separata mill-attur rikonvenzjonat u l-istess lill-attur.

3. Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, Josef, ghandha tibqa' konguntiva bejn il-partijiet b'dan li l-access ghat-tifel minuri, Josef, bejn il-partijet ghandu jigi regolat b'dan il-mod u cjoe':-

(a) Il-minuri ghandu jorqod mal-missier li ghandu jwasslu l-iskola kull filghodu. Wara l-iskola jmur ghand l-omm fejn ghandu jingabar mill-missier fil-5.30 p.m. ta' filghaxija. Dan mit-Tnejn sal-Hamis;

(b) Il-Gimgha wara l-iskola jibqa' ma l-omm sas-Sibt filghaxija fis-7.00 p.m., hlief jekk ikollu xi attivita ohra' bhal pjanu, l-missier ikollu d-dritt jigbru biex jiehdu ghal din l-attivita`;

(c) Fil-vaganzi mill-iskola jibqa l-istess arrangament fejn it-tifel jorqod mal-missier. L-omm pero' ghandu jkollha access kuljum mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m. apparti mill-Gimgha fejn it-tifel jibqa ma' l-omm sa l-ghada s-Sibt sas-7.00 p.m. kif fuq intqal;

(d) Illi l-istess access ghandu jigi ezecitat minn kull parti fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex familjari tal-partijiet, u ghall-ebda raguni l-istess minuri ma ghandu jittiehed f'postijiet jew f'lokalitajiet li ma humiex dicenti ghall-istess minuri, u dan japplika kemm ghall-attur u kemm ghall-konvenuta, li dejjem ghandhom jagixxu b'mod dicenti u dekoruz fil-konfront ta' l-istess minuri.

(e) Illi din il-Qorti tinkariga lill-Agenzija Appogg sabiex tissorvelja din is-sitwazzjoni u dan permezz ta' *Social Workers* li ghandhom perjodikament izommu kuntatt ma' l-istess minuri u l-genituri tieghu, u ghandhom jaraw u jassiguraw li t-termini ta' dan id-digriet jigu segwiti mill-partijiet u dan fl-interess suprem ta' l-istess minuri; tali *monitoring* mill-imsemmija Agenzija Appogg ghandu jkun taht il-kontroll tal-brava *Social Worker,* Therese Micallef, u ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex a spejjez tieghu jinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg.

4. Illi dwar ir-raba' talba tal-kontro-talba u dwar alimenti ghall-partjiet din il-Qorti minhabba ir-responsabbilta' konguntiva tal-partijiet ghall-istess firda personali u r-ragunijiet gravi li wasslu ghat-tkissir irremedjabbli ta' dan iz-zwieg, dovut ghall-agir ta' kull parti f'din il-kawza tiddikjara li kull parti tilfet id-dritt ta' manteniment minghand il-parti l-ohra bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partijiet.

Illi dwar il-manteniment ta' l-istess minuri, Josef, l-attur ghandu jmantni lill-istess minuri ghal kull haga li ghandu bzonn waqt li l-istess minuri jkun mieghu, u wkoll ghandu jissoministra lill-konvenuta ghan-nom ta' l-istess minuri bhala rata ta' alimenti ghall-access li ghandha l-istess konvenuta ghall-imsemmi minuri skond din id-decizjoni, s-somma ta' hmistax il-lira Maltija (Lm15) fil-gimgha, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess konvenuta, u tali somma ta' manteniment ghall-istess minuri ghandha tinqata' direttament mill-paga jew salarju ta' l-istess attur mill-*employer* tieghu, u tinbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha, dejjem bhala alimenti ghall-istess minuri, u ghal dan l-iskop tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza u din l-ordni lill-*employer* ta' l-attur, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu skrupolazament ma' din l-ordni.

5. Tapplika kontra z-zewg partijiet, interament, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** b'dan li ghall-fini ta' l-**artikolu 48 (1) (c)** id-data

meta l-istess partijiet taw lok ghall-firda hija dik indikata tad-9 ta’ Ottubru 1998.

6) Tichad din it-talba minhabba nuqqas ta’ provi.

7) Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data tad-9 ta’ Ottubru 1998 u ghall-likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-istess assi formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, *arbitro boni viri* tordna l-bejgh in subbasta ta’ l-immobbli konsistenti f’*garage* fi Triq Sant’Antnin, Zabbar u tal-fond “Merhba”, Triq Salvu Asterita, Zabbar, u mir-rikavat ta’ l-istess bejgh in subbasta l-konvenuta l-ewwel tiehu s-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) sabiex tigi kkumpensata ghall-fatt, li kif ser jinghad iktar ‘il quddiem f’din id-decizjoni, l-vettura ndikata tal-marka Capri qed tigi asenjata lill-attur, u r-rimanti bilanc mir-rikavat ta’ l-istess bejgh in subbasta ta’ l-istess zewg immobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. L-attur qed jigi ghalhekk assenjat l-istess vettura tal-marka Capri li gia tinsab fil-pussess tieghu li l-valur taghha qed jigi stmat elf lira Maltija (Lm1,000).

Illi dwar il-mobbli li bih hija addebita l-istess dar matrimonjali, dawn ukoll ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet, u ghal dan l-iskop tinnomina a spejjez taz-zewg partijiet lil Vincent Ciliberti, sabiex fi zmien ghoxrin gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jaccedi fil-fond matrimonjali fil-prezenza taz-zewg partijiet, u jelenka l-istess mobbli u l-valur attwali taghhom, u jiddividi l-istess bejn iz-zewg partijiet b’mod li kull parti tigi assenjata nofs il-valur ta’ l-istess mobbli cirka, b’dan li l-istess stima u divizzjoni ghandha tigi redatta mill-istess perit tekniku hawn nominat fi zmien sittin gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, u l-istess stima prezentata fl-atti ta’ dawn il-proceduri.

8) Tichad din it-talba *stante* li hija insostenibbli.
9) Tilqa’ din it-talba u tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti tirriverti ghal kunjom xbubitha Gatt;

10) Tilqa’ din it-talba u tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza odjerna.

11) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba.

Bl-ispejjez ta’ l-istess kontro-talba, inkluzi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------